Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 53**

**Data:** It-Tlieta, 21 ta' Diċembru 2021
**Ħin:** 18:30
**Post:** Binja Kunsill Lokali Imġarr

**Preżenti fil-Binja Amministrattiva:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Perit Graziella Galea – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**53.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.52**

53.1.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

53.1.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev Paul Farrugia u s-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**53.2 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 52**

| | |
|---|---|
| **53.2.1 Green Wall u Green Roof** | Il-President semma li dan il-proġett kien mixi u kważi sar ix-xogħol kollu preliminari qabel jitpoġġa d-decking u jitħawlu l-pjanti kien lest. Semma li ser ikollu jsir xi installazzjoni ta' dawl peress li kulma hemm hija bozza waħda. Semma li peress li l-iskop huwa li jintuża wkoll bħala spazju għal-laqgħat iridu jsiru wkoll xi sockets tad-dawl. |
| **53.2.2 Tender Organic Waste Collection f' żoni turistiċi matul tmiem il-ġimgħa minn stabbilimenti tal-ikel.** | Il-President semma li l-AKL kienet infurmata mill-Avukat tal-Istat li ser issir seduta b' urġenza f' Jannar biex ikun hemm deċiżjoni fuq il-każ. Il-President semma li spejjeż kollha li l-AKL qed tħallas għas-servizz ta' avukat għal dan il-każ ser jintbgħatu lill-Ministeru tal-Ambjent sabiex ikun hemm rimborż ta' dawn l-ispejjeż. Is-seduta li jmiss hija fl-aħħar gimgħa ta' Jannar fejn se tingħata s-sentenza. |
| **53.2.3 Vacancy mal-AKL** | Il-President semma li kien għaddej f' komunikazzjoni mal-Jobsplus sabiex jara s-sitwazzjoni għaliex kienet wieqfa sabiex joħroġ permess biex il-vacancy ta' Executive Assistant tkun tista' toħroġ għall-pubbliku. Il-President semma li jidher li l-Jobsplus mhux joħorġu permessi għall-vaganzi godda mal-parastatal izda minkejja dan se jkompli jippersisti magħhom. Huwa qal li kiteb ukoll lil Ministeru koncernat. |
| **53.2.4 Donazzjonijiet miġbura waqt l-ikla tal-Milied organizzata mill-AKL** | Il-President semma li kineu inġabru €2,155 minn dawk kollha li attendew il-Christmas Get Together li organizzat l-AKL nhar il-11 ta' Diċembru 2021. Semma li din is-somma ser tiġi ippreżentata waqt l-Istrina. |

**53.3 Komunikazzjoni mill-President**

**53.3.1 Laqgħa Plenarja AKL** Il-President propona li l-ewwel Laqgħa Plenarja tal-AKL

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

ser tkun qed tiġi organizzata nhar is-Sibt, 5 ta' Marzu 2022. Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia u Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv qabel. Il-President semma li l-istaff ser jibda jiġbor kwotazzjonijiet għal din il-laqgħa.

Il-President semma li diġa kellu xi laqgħat kemm mal-ANSEK kif ukoll mad-Diviżjoni sabiex waqt din il-laqgħa jkun diskuss aktar l-irwol tas-Segretarju Eżekuttiv u l-irwol tal-Membru Elett. Semma li din il-laqgħa għanda tkun fora sabiex wieħed jisema l-problemi li iż-żewġ partijiet qed ikun hemm kif ukoll sfidi oħrajn li wieħed qed jaffaċja sabiex ikun jista' jkun produttiv.

Il-President semma li l-AKL ser tkun anki lesta li tisteiden il-Partit sabiex jiddiskutu ma' dawk preżenti basta l-interess ikun wieħed ġenwin u mhux partiġjan.

Irrimarka wkoll fl-istess plenarja ghandu jigi diskuss ukoll ir-Rwol tas-Sindku. Dan fuq bazi pleriminari biex sas-sajf jithejja dokument li wara li jigi diskuss mas-Sindki, jigi pprezentat lil Gvern.

**53.3.2 Impjegat AKL – Approvazzjoni għal Skala 10**

Il-President preżenta għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv sabiex l-impjegat tal-AKL li bħal issa qiegħed Skala 11 notch 7 mis-sena 2022 ikun jista' jitla' skala 10. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Anthony Mifsud u s-Sur Micheal Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva li l-Assistent Prinċipal minn Jannar 2022 jitla' għal skala 10.

**53.3.3 Ħaddiema AKL – Zieda fin notch**

Il-President semma li f' Jannar l-impjegati klerikali tal-AKL imisshom jitilgħu notch minn dak li kienu. Fuq proposta tal-President issekondata minn Dr. Azzaopardi u Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva din il-proposta.

**53.3.4 Għaqda Każini tal-Baned**

Il-President semma li l-AKL kienet ħarġet ċirkulari b' ittra mibgħuta mill-Għaqda Każini tal-Baned sabiex iħeġġu lill-Kunsilli Lokali sabiex waqt attivitajiet lokali iħeġġuhom jużaw is-servizzi tal-Baned Lokali.

Chev. Farrugia ikkumenta li jixtieq jara rispett reciproku fejn meta Każin tal-Banda jagħmel attivita' fil-lokal jew fil-Reġjun, il-President u s-Sindku u l-Kunsilliera għandhom ikun mistiedna.

**53.3.5 Konferenza Anwalli**

Il-President semma li huwa flimkien mas-Segretarju

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **ANSEK** | Eżekuttiv tal-AKL kienu attendew għall-konferenza anwali organizzata mill-ANSEK. |
| **53.3.6 Board ta' Aġġudikazzjoni ta' Tenders** | Il-President semma li peress li s-Sur Joe Cordina kien ser jispiċċalu l-mandat tal-AKL u huwa kien fuq il-Board tal-Evalwazzjoni ppropona li minfloku jiġi maħtur is-Sur Jesmond Aquilna sabiex b' mod immedjat f' Jannar jibda l-proċess ta' evalwazzjoni ta' tenders tal-AEDs. Fuq proposta tal-President issekondata minn Dr. Azzopardi u Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva dak li kien propost. |
| **53.3.7 Enemalta** | Il-President semma li kienet saret laqgħa mal-Enemalta, wara diversi rapporti li kien hemm qed ikun hemm dewmien sabiex il-Kunsilli Lokali jinqdew f' ċerti xogħlijiet. Il-President semma li mil-laqgħa irriżulta li telqu ħafna ħaddiema f' daqqa li kienu jagħmlu xogħol fuq barra minn mal-Enemalta u għaldaqstant dan id-dewmin qed ikun riżultat ta' din is-sitwazzjoni. Semma li huwa ġie nnotifikat li l-Enemalta għaddejjin bir-reklutaġġ għaldaqstant is-sitwazzjoni għandha titjieb. Ghandha ssir laqgha ohra lejn tmiem Jannar biex jigi diskuss il-progress li seta' sar. |
| **53.3.8 Proġetti – Fondi LESA 2022** | Il-President semma li il-Board tal-Evalwazzjoni kien iltaqa'. Semma li huwa ma setgħax jattendi imma kien attenda is-Sur Mark Grech. Semma li kienu kkonkludew fuq il-proġetti li kienu ser jibbenifikaw mill-fondi imma l-LESA kienet fil-proċess li toħroġ rapport. Dan ghandu johrog lejn l-ahhar ta' Jannar. |
| **53.3.9 Reverse Vending Machines** | Il-President semma li l-għada kien ser ikollu laqgħa ma' BCR li huwa responsabbli mill-proġett ta' Reverse Vending Machines. Semma li minn Marzu 2022 dawn ser jibdew jitwaħħlu. Semma wkoll li l-parti l-kbira tagħhom ser ikunu fi spazji privati bħalma huma supermarkets u stabbilimenti kummerċjali. Dan huwa ta' benefiċju sabiex ma jostakolawx bankini jew aċċessibilita' għal żoni pedonali. |
| **53.3.10 Leave tal-ħaddiema għas-sena 2022** | Il-President ressaq għall-approvazzjoni talba tal-ħaddiema sabiex bilanċ ta' leave li ma intużax matul is-sena 2021 jiġi trasferit għas-sena 2022. Peress li l-ebda ħaddiem ma talab aktar mill-limitu indikat fil-ftehim kollettiv, il-President |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

propona li dan għandu jkun approvat. Fuq proposta tal-President sekondata mis-Sur Joe Cordina u s-Sur Mark Grech, l-Eżekuttiv qabel mal-proposta.

**53.3.11 Tenders Pendenti**

Il-President irrimakra li minhabba volum ta' xoghol, is-sejha ghal Ufficcjal ta' kordinament Ewropew kif ukoll fuq PR ser tinhareg f' Jannar. Dan b' konformita mad-decizjoni li ttiehdet f' Ottubru li ghadda.

**53.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 52**

53.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi u Chev Paul Farrugia u ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-24 ta' Novembru 2021 u l-21 ta' Diċembru 2021 li kienet tammonta għall-€159,011.52.

**53.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Performance Appraisals tas-Segretarju Eżekuttiv u ħaddiema AKL.**

53.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa għad-diskussjoni r-rapporti tal-Performance Appraisals tal-ħaddiema filwaqt li talbet li tiġi skużata mill-kamra sabiex l-Eżekuttiv ikun jista' jiddiskuti kemm l-Appraisals tal-ħaddiema kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv li kellha tkun preżentata mill-President.

53.5.2 Wara ħin ta' diskussjoni, is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet daħal għal-laqgħa fejn kienet infurmata li l-performance appraisals kienu ġew approvati kif preżentati.

**53.6 Affarjiet oħra**

53.5.1 Is-Sur Jesmond semma li f' isem is-Sindki li jappartjenu Reġjun Nofsinhar li jinstabu kkonfonduti li toroq qed jitħallu mħaffrin u apparti li huma ferm perikolużi qed jinġabar ħafna ilma fihom. Il-President semma li l-Kunsilli Lokali għadhom jingħtaw allokazzjoni għall-manutenzzjoni ta' toroq, għaldaqstant huwa l-Kunsill li mhux qed jieħu azzjoni u jirranġa dawn it-toroq.

53.5.2 Il-President ħa l-opportunita' sabiex jirringrazzja lill-Eżekuttiv tal-AKL li din kienet l-aħħar laqgħa għal din il-leġislatura. Semma li kien ta' unur għalih li jaħdem ma' kull Membru li kien hemm fl-AKL u irringrazzjahom tal-kontribut u s-sapport li dejjem sab.
Il-Membri tal-Eżekuttiv kollha rreċiprokaw dan irringrazzjament u wrew ix-xewqa li l-AKL tibqa' taħdem bl-andament li kienet għaddejja bih tul dawn l-aħħar snin.
Il-President semma li r-riżultat ta' Ottubru, fl-elezzjonijiet tal-AKL jitfa' responsabbilita' akbar fuqu. Semma li jwiegħed li ser jibqa jahdem bl-istess mod fejn kulhadd ikollu c-cand jghid dak li jahseb u jixtieq, dejjem jekk l-intenzjoni tkun wahda

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

tajba u mhux partiggjana, li b' xi mod tista' tfixxkel l-operat u l-hidma tal-Assocjazzjoni. Filwaqt li stieden lill-Membri li mhux ser jibqgħu jaghmlu parti mill-Eżekuttiv li jekk kemm-il darba tkun ix-xewqa tagħhom li jkomplu jagħtu kontribut, il-bieb tal-Assoċjazzjoni dejjem ser ikun miftuħ fejn ihossu li jistghu jaghtu kontribut.

Qabel l-aggornament il-President wera x-xewqa li wara l-ewwel laqgha tal-Ezekuttiv il-gdid, tinstab data biex tigi organizzata ikla bejn il-membri l-godda, sabiex ikun hem mic-cans li wiehed isir jaf aktar 'il kollegi tieghu.

**53.6 Aġġornament**

53.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 18 ta' Jannar 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.1 li nżammet nhar it-Tlieta, 18 ta' Jannar fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**